# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Tonio Micallef**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Tonio Micallef** ID549274M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli nhar 28.02.2016 għal ħabta ta 16:30 ġewwa Triq il-Pelikani, Ħal-Tarxien bħala volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq vettura FAA 284 tal-għamla Toyota Corolla għad-dannu ta' Carmel Debono liema ħsara ma teċċedix il-€250 u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi stante li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx dan il-każ lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kontestata lilu.

## ***Deċide***

Li għar-raġunijiet premessi wara li rat l-Artikolu 325(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***